UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# L-EDITORJAL

**Din hi t-tieni sena li l-Imnara qed toħroġ bil-format il-ġdid – stampata, bl-għajnuna tal-*Book Distributors (BDL) Ltd.*, li ħadu ħsieb ukoll id-disinn. Għal dawn l-aħħar snin, l-Għaqda Maltija tal-Folklor ħadmet biex tkabbar l-orizzonti u twessa' d-definizzjoni ta' x'inhu Folklor. Filwaqt li s-suġġett ta' dari baqgħu jingħataw l-importanza tagħhom, żdiedet magħhom kitba fuq kull xorta ta' aspetti tal-ħajja: mit-toponomastika u l-ismijiet li n-nies komuni jagħtu lill-postijiet u l-imkejjen tal-gżejjer Maltin, sat-terminoloġija tal-armar tal-festi tal-knejjes tagħna. Għalina dan kollu hu Folklor. Din il-ħarġa tinkludi taħlita mħawra ta' suġġetti:**

1. Għaliex jiġri li l-fama ta' xi persunaġġi li jagħmlu parti mill-istorja ta' Malta tikber u tintefaħ, bir-riżultat li dawn il-persunaġġi jispiċċaw isiru "eroj nazzjonali", filwaqt li nies oħra li għamlu għemejjel ta' ħila daqshom jew iktar minnhom, jintesew għalkollox? X'aktarx li jkunu "r-rumanziera" u l-kittieba ta' artikli popolari fuq l-istorja ta' Malta li jiddeċiedu lil min jonfħu u lil min inessu. L-artiklu fuq Orlando Magro jfakkarna f'persunaġġ li f'ħajtu għamel biżżejjed biex seta' sar eroj ieħor nazzjonali u folkloristiku, imma spiċċa minsi minn kulħadd.
2. X'kien ġara sewwasew fil-Karnival tal-1846? Il-Gvernatur ta' dak iż-żmien kien ta ordni li nhar Ħadd il-Karnival ta' dik is-sena ma setgħux jintlibsu maskri. In-nies ħaditha bi kbira, u qam l-inkwiet. Xi nies spiċċaw il-Qorti, u għalkemm ma xteridx demm, imma xterdet ħafna linka u tqabblu ħafna versi. Dr Albert Ganado jagħtina xi ftit minn dawn il-versi u jispjegalna s-sinifikat soċjali u storiku tagħhom.
3. Fl-1988, Antonio Azzopardi, magħruf minn ħafna bħala Ninu Xkora, kien instab ħati li qatel il-maħbub ta' bintu, ċertu Ġużeppi Camenzuli. Ġimgħa wara s-sentenza kien ingħata l-forka fil-ħabs ta' Kordin u, skont kif kienet titlob il-liġi dak iż-żmien, indifen fi żmien siegħa mill-mewt. Imma wara d-difna, xi ħadd deherlu li Ninu Xkora seta' ma kienx mejjet meta difnuh. Ma damx wisq ma beda jintqal li Ninu kien qed jidher jiġġerra fl-inħawi tal-ħabs, u minn hemm tkompli l-istorja ta' dan l-artiklu interessanti f'din il-ħarġa.
4. Qabel ma faċilitajiet mediċi f'pajjiżna tjiebu u l-isptarijiet kienu jnisslu biża' fost ħafna nies, il-qabla, jew il-majjistra, kienet l-uniku sors t'għajnuna li ħafna ommijiet kellhom fiż-żmien perikoluż tal-ħlas u t-twelid ta' tarbija ġdida. X'kellek bżonn biex issir Majjistra? X'kien jiġri fid-djar waqt il-ħlas?
5. L-istejjer tal-ħares kienu u għadhom jagħmlu parti mill-Folkor Malti. Joseph Serracino jagħtina aktar minnhom; xi wħud nafuhom, oħrajn ġodda.
6. L-artikli dwar l-armar tal-festi, ta' ġewwa u ta' barra, u li issa ilhom joħorġu għal dawn l-aħħar ħames snin, intlaqgħu tajjeb ħafna mill-qarrejja tagħna u mlew vojt li kien ilu jinħass. Saviour Camilleri, f'din il-ħarġa wkoll, ikompli jgħaqqad il-ġabra ta' tagħrif biex, jekk jista' jkun, ma jintilef xejn minnha.

Ġbarna flimkien ix-xogħol u r-riċerka ta' ħafna nies, ilkoll jaħdmu b'risq l-għarfien ta' dak kollu li jagħmilna Maltin. Nixtiequ nħeġġu kittieba oħra, biex jitħajru jagħmlu t-tiftix għal dak kollu li fir-ritwal ta' ħajjitna qed jinbidel u qiegħed fir-riskju li jintesa, u jiktbu fuqu, jekk jista' jkun bil-Malti, u aħna nieħdu gost nippubblikawh.

© BDL Publishing • www.bdlbooks.com

Disinn tal-qoxra u tal-magazin © Book Distributors Limited
L-istampa tal-qoxra mill-kollezzjoni ta' Albert Ganado.

© tal-artikli: awturi

**L-Għaqda Maltija tal-Folklor:**

**Il-Kumitat għas-sena 2015:**

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Anton Attard; Viċi President: vakanti; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju; Is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: Is-Sur Angelo Dougall; is-Sur Joseph Fenech; u s-Sur John Zammit.

ISSN: 2409-1758

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor.
Joħroġ darba fis-sena.

L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għaqda, tal-pubblikatur jew tal-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur:
Is-Sur Ġużi Gatt, 7C '*Perry Courts*',
Triq B'Kara, San Ġiljan. STJ 1307.
ggatt77@hotmail.com.